Kategoriji: Benessere u Appoġġ

# Appoġġ minn professjonisti differenti għall-benesseri tat-tfal

SCIREARLY



Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Deusto, Universidad de Deusto, Deustuko Unibertsitatea, University of Deusto | KMOP | República Portuguesa, Educação, Ciência e Inovação, direção-geral da educação

cesie, the world is only one creature | DCU | The MHPSS Collaborative, Red Barnet, MHPSS Collaborative | U.Porto, Faculdade de Psicologia e de Ciências da Educação, Universidade do Porto

L-Università ta' Malta | EPA European Parents' Association | University of Helsinki | Newcastle University





# Rikonoxximent

**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Universita' ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita' ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita' ta' Porto, il-Portugal
l-Universita' ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita' ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita' ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

CC BY NC SA

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-"Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarja-ment jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

# Kategoriji: Benessere u Appoġġ



# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.





# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Ii jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Ii jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.

Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.

# Appoġġ minn professjonisti differenti għall-benesseri tat-tfal





## Ħarsa ġenerali

Din l-għodda tenfasizza l-importanza li jkun hemm appoġġ multiprofessjonali fuq livell kollettiv kif ukoll individwali lill-istudenti fl-iskola b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-gwardjani tagħhom, kemm fit-tagħlim kif ukoll għall-benesseri tagħhom. L-attivitajiet ta' appoġġ għandhom ikunu mfassla, mwettqa u segwiti skont il-ħtiġijiet tal-istudenti, fil-klassi jew fi gruppi żgħar. Huwa importanti li l-għalliema u l-gwardjani jinnegozjaw bejniethom il-possibbiltajiet ta' appoġġ li jistgħu joffru, il-forom ta' appoġġ, u r-responsabbiltajiet tal-istudenti skont il-ħtiġijiet tagħhom. L-għan ewlieni huwa li l-istudenti jiġu appoġġjati fit-tagħlim, il-benesseri u l-iżvilupp tagħhom skont il-kurrikulu fil-mixja edukattiva tagħhom.

L-appoġġ multiprofessjonali għall-benesseri fl-iskola jista' jinkludi firxa ta' attivitajiet differenti fuq livelli differenti fis-sistema. L-attivitajiet ta' appoġġ jistgħu jkunu ppjanati u mibdija minn professjonisti differenti li jaħdmu fl-iskola skont l-għan tagħhom: għalliema, għalliema tal-edukazzjoni speċjali, għalliema tal-Fillandiż bħala t-tieni lingwa, il-psikologu tal-iskola, it-terapista tal-mitkellem (speech therapist), infermier tal-iskola, professjonisti fil-qasamta' ħidma soċjali, dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, kowċis fl-iskola, l-assistenti tal-iskola, (counsellors), konsulenti multikulturali, u/jew prinċipali tal-iskejjel. Dawn il-professjonisti jistgħu jagħtu l-appoġġ bħala parti mix-xogħol regolari tagħhom mal-istudenti fil-klassi, fi grupp żgħir fl-iskola jew anke barra mill-iskola. L-għalliema li jipprovdu dan appoġġ multiprofessjonali jeħtieġ li jkollhom għarfien espert biex ikunu jistgħu jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-istudenti jew il-klassijiet tagħhom.

L-appoġġ multiprofessjonali mogħti jrid jiġi miftiehem u segwit flimkien mal-kustodji tal-istudenti. L-għalliema jinfurmaw lill-kustodji regolarment fuq kif l-istudenti sejrin fl-iskola, kemm fuq livell personali kif ukoll fl-edukazzjoni tagħhom. L-għalliema u l-kustodji jikkomunikaw permezz ta' pjattaforma diġitali kważi kuljum. Jużaw ukoll mezzi oħra ta' komunikazzjoni. F'każ li xi student jeħtieġ xi għajnuna speċjali jew appoġġ fit-tagħlim, il-gwardjani huma dejjem involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet u s-soluzzjonijiet ta' appoġġ jiġu nnegozjati flimkien magħhom. Il-konsulenti multikulturali għandhom rwol importanti transkulturali meta ssir din il-kollaborazzjoni bejn id-dar u l-iskola meta gruppi ta' minoranza kulturali jkunu involuti.

Il-mod ta' xogħol u l-ħsieb wara kull appoġġ multiprofessjonali jingħata lill-istudenti fil-klassijiet u fl-iskejjel tagħhom stess mill-għalliema tagħhom u mill-adulti l-aktar qrib tagħhom. Hemm bżonn il-parteċipazzjoni professjonali ta' diversi esperti fl-ippjanar u l-għoti ta' għajnuna u assistenza skont il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tagħlim tal-istudenti individwalment jew kollettivament. Meta l-ħtiġijiet u l-isfidi tal-istudenti identifikati jiġu indirizzati minn kmieni u b'mod komprensiv u b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-kustodji, hemm ċans tajjeb li dawn jiġu solvuti, u l-mixja fit-tagħlim tal-istudenti tiġi ffaċilitata fil-fażi li jkun imiss. Il-grupp fil-mira ta' din l-għodda huwa studenti ta' bejn is-7 u l-15-il sena. Il-partijiet interessati ewlenin huma l-għalliema, il-prinċipali tal-iskola, u l-kustodji kif ukoll il-professjonisti kollha li jappartjenu fit-tim multiprofessjonali responsabbli biex jagħtu appoġġ fit-tagħlim lill-istudenti u l-kontribut għall-edukazzjoni tagħhom.

# Passi ta' implimentazzjoni

**Preparazzjoni:**

Il-Kurrikulu bħala l-punt tat-tluq: Huwa essenzjali li l-għalliema jieħdu l-kurrikulu tal-iskola bħala l-punt tat-tluq meta jippjanaw l-għanijiet tat-tagħlim, il-kontenut, il-metodi tat-tagħlim u l-assessjar għas-sena skolastika kollha, perjodi itwal ta' tagħlim u lezzjonijiet individwali. Huwa importanti li jiġu definiti l-għanijiet tat-tagħlim tal-istudenti u l-assessjar tal-pjan għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' kif qed jintlaħqu l-miri tat-tagħlim f'diversi suġġetti u ta' ħiliet ġenerali.

Il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti: Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-istudenti tal-klassi, kif inhuma u x'tip ta' ħtiġijiet individwali għandhom rigward it-tagħlim u l-benesseri tagħhom. Is-sitwazzjoni tal-istudenti kollha għandha tiġi diskussa fil-grupp multiprofessjonali fl-iskola fuq livell ġenerali u b'mod proattiv. Jekk l-għalliema jkollhom tħassib rigward il-ħtiġijiet tat-tagħlim u appoġġ għall-istudenti, dawn għandhom jitqajmu fid-diskussjonijiet li jsiru.

Pjan dettaljat għall-għoti ta' appoġġ: Huwa importanti li jinħoloq pjan ta' kif jingħata l-appoġġ lill-istudenti mill-grupp multiprofessjonali fl-iskola. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' appoġġ li għandhom jingħataw bħala punt tat-tluq, jiġi kkunsidrat bir-reqqa l-iskop tal-appoġġ, jiġu definiti l-mod u l-prattiċi ta dan l-appoġġ, u l-implimentazzjoni tiegħu. Irid ukoll jiġi ppjanat bir-reqqa kif l-appoġġ għandu jiġi implimentat u jantiċipa għall-possibilta' li jkun jeħtieġ ippjanar konġunt fit-tagħlimiet. Il-ġenituri għandhom jiġu involuti fid-diskussjoni u l-ippjanar konġunt tal-appoġġ b'mod proattiv. Jekk possibli u jagħmel sens, l-istudenti għandhom ukoll jiġu involuti fid-diskussjoni u fl-ippjanar konġunt.

1

**Implimentazzjoni:**

Il-koordinazzjoni tal-appoġġ: irreferi għal kif qed jiġi implimentat l-appoġġ skont il-pjan f'kollaborazzjoni mat-tim multiprofessjonali. Segwi l-implimentazzjoni bir-reqqa u aġġusta l-pjan skont il-ħtiġijiet u l-imġiba tal-istudenti. Jekk l-appoġġ multiprofessjonali jingħata bħala parti mil-lezzjonijiet regolari, araw li jkun b'mod li ma jaffettwax il-lezzjonijiet u t-tagħlim.

2

**Monitoraġġ u evalwazzjoni:**

Monitoraġġ kontinwu: L-għalliema għandhom isegwu bir-reqqa kemm din il-prattika qed tkun effikaċi permezz ta' interazzjonijiet kontinwi u regolari mal-istudenti, professjonisti differenti involuti fl-għoti tal-appoġġ u mal-gwardjani. Assigura li hemm evalwazzjoni ta' kemm l-appoġġ għadu meħtieġ kif ukoll li jsiru bidliet jekk ikun hemm bżonn.

3





# Eżempji u każijiet:

Eżempji ta' dawn l-għodda joħorġu minn żewġ studji ta' każijiet fi skejjel multikulturali Fillandiżi. L-għodda hija irregolata mill-Att fuq l-Edukazzjoni bażika u l-Att dwar il-benesseri tal-istudenti u l-istudenti fil-Fillandja, kif ukoll diversi regolamenti uffiċjali oħra, u għalhekk, hija implimentata fl-iskejjel Fillandiżi kollha b'modi differenti. L-għalliema fl-iskejjel Fillandiżi għandhom il-liberta' u r-responsabbilta' pedagoġika li biex jiżviluppaw prattiċi u għodda pedagoġiċi li jistgħu jużaw fil-klassijiet tagħhom stess u li jaħdmu lejn l-għanijiet maħsuba. L-eżempji ta' dawn l-iskejjel għadhom joperaw b'suċċess kważi 25 sena, minkejja d-diversita' li dejjem tikber u l-bżonnijiet ta' appoġġ għall-istudenti u l-familji li dejjem jinbidlu. Il-ħsieb wara l-organizzazzjoni bla xkiel ta' dan l-appoġġ għall-benesseri minn professjonisti differenti tul daż-żmien huwa r-riżultat ta' ħidma edukattiva kostanti u viżjonarja fl-iskejjel sa mill-bidu, it-tmexxija kollaborattiva u kondiviża fl-iskejjel, il-monitoraġġ kostanti tal-ħtiġijiet tal-istudenti u tal-familji, l-iżvilupp tal-komunita' madwar l-iskejjel, u l-impenn lejn kull tifel u tifla biex dawn jimxu 'l quddiem. Xi eżempji misluta minn studju fuq dawn il-każijiet huma:

**Koordinazzjoni tal-appoġġ b'suċċess għall-benesseri tal-istudenti minn professjonisti differenti.** L-appoġġ għall-benesseri minn professjonisti differenti tal-iskola rigward l-edukazzjoni u d-drittijiet tal-istudenti irid jissodisfa l-ħtiġijiet tal-istudenti u l-klassijiet fil-livell tal-iskola irid ikun implimentat skont kif ikun imfassal u implimentat. L-għarfien espert tal-professjonisti jintuża b'mod kostanti u bl-aħjar mod possibbli biex jappoġġa t-tagħlim u l-iżvilupp tal-istudenti. Kwistjoni ewlenija li tinqala' ħafna drabi tirrifletti kemm l-għalliema, il-prinċipali u professjonisti oħra kienu konxji kemm tal-ħtiġijiet individwali tat-tagħlim tal-istudenti, tal-appoġġ li qed jirċievu, u tal-evidenza u l-fehim eżatti tas-sitwazzjoni tal-istudenti. L-element ewlieni kien ukoll, kemm il-professjonisti setgħu jippjanaw u jippromulgaw l-appoġġ b'mod tajjeb u ffukat, u kemm kien immirat għall-ħtiġijiet tal-istudenti.

**Monitoraġġ:** l-għalliema jissorveljaw b'mod kostanti l-implimentazzjoni kemm hu effikaċi l-appoġġ li qed jingħata minn professjonist differenti f'kollaborazzjoni kif ukoll kemm hemm meħtieġ. Huwa essenzjali li jkun hemm impenn fil-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-assessjar tal-appoġġ b'mod kostanti.

**Kollaborazzjoni mal-gwardjani tal-istudenti:** l-għalliema enfasizzaw l-importanza li jippjanaw l-appoġġ minn professjonisti differenti flimkien mal-gwardjani tat-tfal. Huma jirrispettaw l-opinjoni edukattiva tal-familji u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala gwardjani. L-għalliema enfasizzaw ukoll l-importanza tal-kollaborazzjoni bħala riżorsa importanti meta jaħdmu għall-aħjar interess għat-tagħlim tal-istudenti.





## Benefiċċji

L-għoti ta' appoġġ minn professjonisti differenti huwa mmirat u mfassal apposta biex jirriflettu l-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-istudenti, kif ukoll itejbu t-tagħlim, il-kisba akkademika, il-benesseri u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-iskola. L-għalliema enfasizzaw li huwa essenzjali li l-appoġġ għall-iżvilupp attwali u ulterjuri tal-istudenti għandu jkun f'kuntesti skolastiċi multikulturali u ta' diversita'. Dan irid isir bħala sforz sħiħ komprensiv fl-iskola.

## Suġġerimenti għas-suċċess

Stabbilixxi tim ta' professjonisti differenti biex joffru l-appoġġ għall-benesseri fl-iskola/il-lokalita'. Żviluppa prattiki ta' ħidma regolari u kontinwa.

Inkoraġġixxi lill-għalliema biex jinteraġixxu b'mod attiv mat-tim ta' professjonisti differenti involuti fl-għoti tal-appoġġ għall-benesseri biex jiddiskutu d-dettalji tal-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-istudenti. Ħeġġiġhom biex jesprimu t-tħassib tagħhom li jista' jkollhom.

Inkoraġġixxi lit-tim ta' professjonisti differenti ta' appoġġ għall-benesseri biex jippjana l-appoġġ għall-istudenti b'mod kollaborattiv.

Involvi l-gwardjani tat-tfal fid-diskussjonijiet kif ukoll fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-għoti ta' dan l-appoġġ. Tkellmu dwar id-dettalji magħhom u enfasizzaw l-importanza li jkun hemm impenn konġunt fl-aħjar interess għat-tagħlim tal-istudenti.

## Additional Resources:

Tista' ssib aktar informazzjoni u riżorsi biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-għodda u għal aktar tagħlim hawnhekk:

https://www.oph.fi/sites/default/files/documents/perusopetuksen_opetussuunnitelman_perusteet_2014.pdf

https://www.karvi.fi/sites/default/files/sites/default/files/documents/KARVI_0418.pdf

Hawn taħt hawn eżempju prattiku ta 'pjan ta' lezzjoni li turi kif wieħed jista' jgħaqqad l-għodda deskritta hawn f'kuntest ta' lezzjoni fil-lingwa materna.

| Titlu tal-pjan tal-lezzjoni | Il-lingwa materna: niktbu narrattiva eċitanti u ta' suspens |
|---|---|
| Grupp fil-mira | Studenti ta' bejn l-10 u l-11-il sena, b'livelli ta' kompetenza differenti fil-lingwa lokali (Fillandiża), diversi lingwi materna, sfondi soċjoekonomiċi u ta' immigranti differenti.<br><br>Tagħlim mill-għalliem tal-klassi flimkien mal-għalliem tal-edukazzjoni speċjali. L-għalliem tal-klassi u l-għalliem tal-edukazzjoni speċjali, bħala professjonisti differenti, jipprovdu sapport simultanjament lill-istudenti matul il-lezzjoni fit-tieni lingwa tagħhom, il-Fillandiż. |
| Għan | Li l-istudenti jitgħallmu jiktbu storja narrattiva bi żvilupp loġiku u b'elementi ta' suspens.<br><br>Li l-istudenti jipprattikaw l-użu tal-immaġinazzjoni u l-kreattivita' tagħhom fil-kitba ta' storja li fiha element ta' suspens.<br><br>Li jitgħallmu jiktbu b'mod iffukat, bl-appoġġ mill-għalliem tagħhom u tal-għalliem tal-edukazzjoni speċjali waqt il-kitba. |
| Għanijiet tal- lezzjoni | Li jimmotivaw lill-istudenti jitgħallmu jiktbu storja b'suspens, iħeġġu lill-istudenti jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom fil-kitba, jitgħallmu jikkonċentraw waqt li qed jiktbu, jitolbu l-għajnuna u jirċievu r-rispons u rejazzjoni għall-kitba tagħhom mill-għalliema. |
| Tul tal-lezzjoni | 1 lezzjoni (75 minuta) |
| Suġġetti (eż.) | Lingwa materna (Fillandiża), Fillandiż bħala t-tieni lingwa tal-istudenti |
| Preparazzjoni | Iffamiljarizza ruħek sew mal-kurrikulu. Iddefinixxi l-għanijiet tat-tagħlim fis-suġġett<br><br>Ippjana ferm qabel l-appoġġ minn professjonisti differenti li għandu jingħata matul il-lezzjoni. Innegozja mal-kustodji rigward dettalji tal-appoġġ li huwa meħtieġ.<br><br>Ikkunsidra kif tista' tgħallem flimkien mal-għalliem tal-edukazzjoni speċjali fil-klassi tiegħek, u kif dan l-appoġġ iseħħ b'mod konkret. |





| Titlu tal-pjan tal-lezzjoni | Il-lingwa materna: niktbu narrattiva eċitanti u ta' suspens |
|---|---|
| Riżorsi meħtieġa | Istruzzjonijiet tax-xogħol tal-kitba lill-istudenti: struzzjonijiet fil-kitba narrattiva b'suspens, fażijiet u skedi.<br><br>Kotba għan-noti tal-istudenti |
| Attivitajiet ta' tagħlim | **Immotiva** lill-istudenti biex jiktbu storja bis-suspens, iddiskuti mal-istudenti fil-qosor xi tfisser, u x'inhuma l-karatteristiċi ewlenin ta' storja bis-suspens.<br><br>**Iddiskuti** b'mod espliċitu mal-istudenti l-għanijiet tat-tagħlim tal-lezzjoni, għid b'mod speċifiku x'se tagħmel matul il-lezzjoni, u isma' l-perspettivi tal-istudenti<br><br>**Ipprovdi** struzzjonijiet lill-istudenti ta' kif ix-xogħol tal-kitba għandu jsir individwalment: il-fażijiet tax-xogħol, struzzjonijiet dettaljati fuq kif tibni storja bis-suspens.<br><br>**Issorvelja** l-progress fix-xogħol tal-kitba tal-istudenti, kun disponibbli biex tgħinhom il-ħin kollu fil-klassi, ippermetti li l-għalliem tal-edukazzjoni speċjali jgħin ukoll.<br><br>**Iddiskutu** mal-istudenti fuq il-progress tax-xogħol, evalwaw ir-riżultati tax-xogħol li għamlu u jekk laħqu l-għanijiet tat-tagħlim; aqblu flimkien fuq ix-xogħol għad-dar li għandu jingħata; iċċelebraw il-ħidma tagħhom u t-tlestija tal-istorja.<br><br>**Aqra** eżempji ta' stejjer tajbin fi tmiem il-lezzjoni, jew ħalli l-istudenti jaqraw huma nfushom jekk jixtiequ. |
| Qari addizzjonali | Jekk applikabbli |

## Konklużjoni

Din l-għodda toffri mudell ta' kif jista' jingħata appoġġ għal-benesseri tal-istudenti minn professjonisti differenti skont il-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-istudenti fi klassijiet multikulturali u diversi. L-għodda tenfasizza l-importanza li jiġi pprovdut appoġġ bħala parti mil-lezzjoni fil-lingwa materna fi klassi regolari fil-forma ta' tagħlim bejn l-għalliem tal-klassi u l-għalliem tal-edukazzjoni speċjali. Dan jippermetti li l-istudenti jistudjaw fil-klassijiet tagħhom stess flimkien ma' sħabhom u l-għalliem tagħhom u li jirċievu l-appoġġ fil-klassi. L-edukaturi huma mħeġġa jadattaw din l-għodda fil-klassi tagħhom billi jqisu r-rekwiżiti tal-kurrikulu, l-atti u r-regolamenti lokali, kif ukoll il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti tagħhom fil-klassi tagħhom.

# SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.